Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

# Seduta numru 45. Illum it-Tlieta, 4 ta' Novembru 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
***Attivitajiet tal-Milied***
***Post vakanti ta' Clerk***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 368.0 Approvazzjoni tal-Minuti

359.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

359.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 369.0 Punti mill-Minuti

369.1 Il-Kunsillier David Battistino informa li l-Principal ta' l-iskola nfurmah bi proceduri godda li jrid isegwi qabel jigi ffirmat il-ftehim tal-Mini pitch fl-iskola u ghalhekk se jerga' jkun hemm stennija. Il-Kunsill kien dizappuntat f'dan ir-rigward.

369.2 IL-Kunsill qabel li jigbor stimi ghal sala fl-Imgarr biex tintuza ghar-riceviment tal-MIlied ta nhar il-Gimgha, 12 ta' Dicembru. Il-Kunsill qabel li jinghata cans sa nhar il-gimgha, 14 ta' Novembru biex jidhlu l-istimi.

369.3 Kien hemm diskussjoni dwar il-possibilita ta' Gemellagg f'Gunju, minhabba t-talba tal-Kunsill ta' Mathi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-possibilita imma qabel li fid-dawl li l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali huma ppjanati f'Gunju, ma jkunx opportun li jsir il-Gemelagg f'dan ix-xahar. Il-Kunsill qabel li jorganizza l-ispettaklu ta' Madre Tereza li gie ppropost mill-Comune di Mathi, probabilment fix-xahar ta' Awissu. Il-Kunsillier David Battistino se jinforma lill-Comune di Mathi b'dawn l-izviluppi.

369.4 Il-Kunsillier David Battistino nforma dwar il-laqgha li saret mal-Kumitat taz-Zghazagh fil-15 ta' Ottubru, li ghaliha kien prezenti l-Vici Sindku Giovanni Gatt u nforma li qed jahdmu fuq attivita li se tithejja wara l-festi tal-Milied. Huwa ppropona li jigi allokat Budget ta' € 1164.69 biex jintuza ghal attivitajiet ta' dan il-Kumitat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**370.0 Korrispondenza**

370.1 Il-Kunsill qabel li jitqassmu l-Hampers lill-Persuni b'Dizabilita nhar il-Hadd 14 ta' Dicembru mill-membri tal-Kunsill.

370.2 Il-Kunsill irceva korrispondenza mill-Qawra Scout group li staqsew jekk il-Kunsill hux interessat jissussidja trasport mill-Mgarr ghall-Qawra biex persuni jkunu jistghu jattendu l-Iscouts fil-Qawra. Il-Kunsill ma qabilx li jissussidja dan it-trasport minhabba li jista' jinholoq precedent.

370.3 Giet innotata l-korrispondenza mill-Awtorita ta' l-Ippjanar, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**371.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

371.1 Is-Sindku nforma li, fuq proposta tal-Kunsill gew spustjati z-zebra crossing u l-Bus Stop li kien hemm fi Triq Fisher, ghal aktar post centrali f'din it-Triq. Il-Kunsill innota li x-xoghol fuq il-bankina miexi b'rittmu mghaggel.

371.2 Is-Sindku wera dispjacir ghall-fatt li l-iskola Primarja regghet ghal darb'ohra ma ppartecipatx fil-Clean Up the World ta' din is-sena. Il-Kunsill innota li hadu sehem f'din l-attivita l-Imgarr Karate Club, in-Nisa Azzjoni Kattolika, l-MPL Club u l-Kunsill innifsu.

371.3 Il-Kunsill iddecieda li fid-dawl tat-tibdil ta' l-isem ta' l-iskola Primarja minn Skola Ganni A. Cilia ghal Kullegg San Nikola, gie deciz li jigi kommemorat is-Surmast Ganni A. Cilia. Il-Kunsill se jahseb fuq attivita f'dan ir-rigward, fil-laqgha segwenti.

371.4 Il-Kunsillier David Battistino u l-Kunsillier Agostino Ebejer attendew ghal-laqgha tal-Kunsilliera nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru f'Dar Mediterran.

371.5 Il-Kunsillier David Battistino u s-Segretarju Ezekuttiv attendew ghal Seminar organizzat mill-MEUSAC dwar il-programm Europe for Citizens.

**372.0 Attivitajiet tal-Milied**

372.1 Is-Sindku nforma li l-knisja din is-sena se tkun qed izzejjen bid-dawl iz-zona ta' madwar il-knisja u ghalhekk propona li l-Kunsill jarma Triq Fisher din is-sena. Il-Kunsill qabel mal-proposta u kien hemm qbil li t-tizjin tal-Milied isir mill-ewwel gimgha ta' Dicembru.

363.2 Il-Kunsill qabel li jigbor stimi ghall-zewg trombi biex jitwahhlu mal-bini tal-Kunsill biex jindaqqu carols tal-Milied matul ix-xahar ta' Dicembru.

**373.0 Gieh Mgarr**

373.1 Il-Kunsill se jhejji laqgha mas-Surmast biex jigi diskuss il-programm ta' Gieh Mgarr tas-Sena d-diehla.

373.2 Kien hemm qbil li Gieh Mgarr jithejja fl-1 ta' Frar 2009. Il-Kunsill se jaghmel stharrig dwar il-catering.

373.3 Il-Kunsillier David Battistino se jitkellem mal-Kumitat taz-zghazagh dwar il-possibilita li jiddisinjaw Backdrop ghal Gieh Mgarr.

**374.0 Clerk mal-Kunsill**

374.1 Il-Kunsill ghazel lis-Sinjura Yvonne Muscat biex tokkupa l-kariga ta' clerk mal-Kunsill wara li saru intervisti ghal din il-kariga. Is-Sinjura Muscat bdiet l-ewwel gurnata tax-xoghol taghha, nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru.

**375.0 Affarijiet Mixxellanji**

375.1 Il-Vici Sindku Giovanni Gatt informa li resident offra numru ta' pots biex jintuzaw ghas-sigar. Kien hemm qbil li s-Sindku jara dawn il-pots qabel ma jinghataw.

375.2 Fid-29 ta' Novembru, il-Kappillan Dun Antoine Borg se jiehu l-pussess ta' Kappillan. Il-Vici Sindku ssugerixxa li jinxtara rigal lill-Dun Antoine f'din l-okkazjoni. Kien hemm qbil li tinxtara patena tal-fidda ghal din l-okkazjoni.

375.3 Nhar il-Hadd, 2 ta' Novembru, il-membri tal-Kunsill poggew bukkett fjuri fic-cimiterju flimkien ma' l-ghaqdiet tal-lokalita fl-okkazjoni ta' Jum il-Mejtin.

375.4 Il-Kunsill qed jhejji disinn tal-bandli fil-Pjazza biex ikun jista' jigi propost lill-Mepa u jigi mhallas mill-Urban Improvement Fund.

375.5 Il-Kunsillier David Battistino nforma li gie mwaqqaf il-Kumitat tal-Majjistral in konnessjoni mal-Progett ta' l-Unjoni Ewropeja Leader bejn tmien Kunsilli Lokali fil-Majjistral ta' Malta, li huma Naxxar, Mellieha, Gharghur, San Pawl il-Bahar, Iklin, Mellieha, Lija u Mgarr. Huwa nforma li minbarra li huwa rapprezentant tal-Kunsill Lokali Mgarr f'dan il-Kumitat, huwa gie mahtur Segretarju tieghu. Il-Kunsill awguralu kull success f'din il-kariga. Huwa nforma li Dr. Ian Castaldi Paris kien mahtur President ta' dan il-Kumitat.

375.6 Il-Vici Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti. Kien hemm qbil unanimu.

375.7 Il-laqgha ntemmet fid-9.15p.m.

375.8 Is-Sindku sejjah laqgha tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011    Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***

***Sindku*** *: Paul Vella,* ***Vici Sindku*** *: Giovanni Gatt,*
***Kunsillieri*** *: Victoria Sammut, David Battistino, Agostino Ebejer*
***Segretarju Ezekuttiv*** *: Christine Lewis Dip.Gen.Mgt.(MSM),MIM*